# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 309b – It-Tnejn, 26 t' Ottubru, 2015

## AĠENDA
6. Kuntratti
7. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENT SKUŻAT
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien infurmat mill-Kunsillier Clayton Cutajar li ma setax jattendi s-seduta għax kien se jkun imsiefer. Is-Sindku ippropona li għandu jkun imniżżel bħala assenti skużat. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 6 KUNTRATTI

**6.1 LCS 23/15 – Street Sweeping & Cleaning**

Is-Sindku qal li għal dan il-kuntratt kienu ġew ippreżentati seba' offerti. Il-kumitat tal-aġġudikazzoni iltaqa' mal-offerenti kollha minbarra ma' Saviour Mifsud li għalkemm kien avżat m'attendiex għal-laqgħa.

Is-Sindku qal li wara li l-kumitat ikkunsidra l-offerti kollha, il-bord tal-aġġudikazzjoni jidhirlu li l-aħjar offerta hija dik ta' Waste Collection Ltd., u għalhekk kien qed jipproponi li l-Kunsill jagħżel din l-offerta.

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda r-rapport tal-aġġudikazzjoni.

Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.2 LCS 31/15 – Planting & Cleaning of Public spaces**

Is-Sindku qal li għal dan il-kuntratt kienu ġew ippreżentati sitt offerti u l-bord tal-aġġudikazzjoni iltaqa' magħhom individwalment ħlief ma' Saviour Mifsud li għalkemm kien avżat m'attendiex għal-laqgħa.

Is-Sindku qal li l-bord tal-aġġudikazzjoni għandu jerġa' jiltaqa' qabel jagħmel ir-rakkomandazzjoni finali tiegħu. Għal din ir-raġuni, billi l-proċess jidher li se jieħu ftit aktar fit-tul, is-Sindku ippropona li l-kuntratti eżistenti LCS 18/12 jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2015.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

6.3 **LCS 12/13 Collection of Mixed Household Waste**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kif kien qal f'seduta 308, huwa kien irċieva korrispondenza mingħand il-kumpanija Waste Collection Ltd fejn infurmat lill-Kunsill li ma kinitx beħsiebha ġġedded il-kuntratt tagħha li t-tieni sena tiegħu tagħlaq fis-27 t'Ottubru. F'dik is-seduta kien deċiż li l-Kunsill jerġa' joħroġ mill-ġdid sejħa għall-offerti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-jiem li għaddew huwa kien irċieva korrispondenza oħra mill-istess kumpanija fejn talbet lill-Kunsill ma jagħtix każ l-ittra oriġinali għaliex kien beħsiebha tkompli bil-kuntratt. Is-Sindku qal li għal din ir-raġuni huwa kien qed jipproponi li billi s-sejħa għall-offerti kienet għadha ma ġietx ippuplikata, dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tielet sena tiegħu.

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 7 ĦWEJJEĠ OĦRAJN

**7.1 Kawża Gasan Mamo vs Kunsill Lokali Siġġiewi**

Is-Sindku qal li l-Kunsill tilef l-appell dwar kawża kontra l-Kunsill minn Gasan Mamo Ltd fuq inċident fi Triq ta' Ta' Kandja. Għalhekk huwa ippropona li jitħallsu l-ispejjeż dovuti dwar il-każ.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**7.2 Inċident fi Triq tal-Għażżien**

Is-Sindku qal li xi gimgħat ilu seħħ inċident fl-imsemmija triq li tiġi wara d-Dar tal-Providenza. Minn pjanti antiki jirriżulta li taħt it-triq hemm gandott li kien tħaffer mill-Militar Ingliż u li bil-piż tal-vetturi ċediet parti minnu. Billi f'dan il-każ jirriżulta b'mod ċar li l-inċident seħħ minħabba ħsara fit-triq, is-Sindku ippropona li jitħallsu l-ispejjeż u ssir talba mal-kumpanija tal-assikurazzjoni.
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**7.3 Talba mill-istabbiliment Papa's ta' Pjazza San Nikola**

Is-Sindku qal li l-istabbiliment Papas fi Pjazza San Nikola kien għamel applikazzjoni mal-MEPA u awtoritajiet oħrajn biex jpoġġi siġġijiet u imwejjed fuq il-bankina ta' quddiem il-ħanut. Il-permess jirrekjedi *no objection* mill-Kunsill Lokali.
Is-Sindku ippropona li l-Kunsill m'għandu jsib l-ebda oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jitħalla passaġġ liberu, li jitranġa l-livell tal-bankina diġà eżistenti u li dak li jintrama' mill-istabbililment ikun estetikament jaqbel mal-ambjent tal-Pjazza.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**7.4 Un/loading Bay fi Triq Santa Margerita**

Is-Sindku qal li saret talba biex issir un/loading bay fi Triq Santa Margerita qrib in-negozji ta' Dolce Miele u Ħidmet il-Bidwi. Huwa ippropona li għandna nagħmlu t-talba lil TM wara li jkun iddiskuta mal-Perit f'liema l-aħjar pożizzjoni ssir. Il-Viċi-Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**7.5 Un/loading Bay fi Trejqet l-Anġli**

Is-Sindku qal li kellu talbiet minn stabilimenti fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi u fi Trejqet l-Angli sabiex issir un/loading bay. Huwa għalhekk ippropona li wara li jkellem lir-residenti ta' Trejqet l-Anġli dwar fejn huwa propost li ssir un/loading bay, il-Kunsill jagħmel it-talba ma' TM. Huwa qal li l-Perit tal-Kunsill kien diġà ħejja pjanta bi proposta f'dan is-sens. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8:30pm u ippropona li terġa' titlaqqa' nhar it-Tnejn 2 ta' Novembru fis-7.00 p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn 2 ta' Novembru, 2015**